**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 32 – 3 t' April 2014**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6:30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 32. Il-laqgħa bdiet fis-6:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| Skużati: | George Cortis | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Paula M. Valletta | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti staqsa jekk kienx hemm korrezzjonijiet tal-minuti ta' Agenda 31. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut proponiet li l-minuti ta' Aġenda 31 jiġu approvati. Hija ġiet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, Philip Said, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Dr. Roderick Aquilina

Il-minuti ġew approvati (142).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1. Sabiex jigi kkontrollat l-iskart li jintefa madwar l-iskips tal-bring-in-sites jehtieg li jitwehhlu xi tip ta' cameras. L-ahjar li dawn ikunu mobile sabiex ikunu jistghu jiccaqilqu minn bring-in-site ghall-ohra. Fl-assenza tal-mobile camera, ghandu jkun hemm dummy camera li sservi ta' deterrent. Is-Sindku Alfred Grixti ssuggerixxa li Dr. Roderick Aquilina ghandu jara x'bye law hemm bzonn sabiex jkunu jistghu jinhargu citazzjonijiet lil min jikser il-ligi u jhammeg madwar dawn l-iskips. Is-Sindku qal li ghandha tintalab l-assistenza mir-Regjun sabiex apparti l-ghotja li tinghata ta' ghajnuna, l-istess servizz jigi provdut mill-istess fornitur tar-Regjun li tahtu jaqa l-Kunsill ta' Haz-Zebbug.

Ghaldaqstant ittiehed vot dwar il-proposta li ghamel Dr. Roderick Aquilina jigifieri li jsir abbozz ghall-bye law sabiex jkunu jistghu jinhargu citazzjonijiet lil min jikser l-ligi u jhammeg madwar dawn l-iskips. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Robert S. Tabone.

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, Philip Said, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Dr. Roderick Aquilina

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;**

Il-mozzjoni giet approvata (143).

Sadanittant Dr. Roderick Aquilina saqsa jekk kienx hemm xi nformazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-bye law dwar il-bejgħ tal-ħaxix u l-frott fuq il-monti tal-lokalità. Gie mitlub ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jiccekja x'inhija ezatt l-procedura ghall-bye laws mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2. Il-Kunsillier Philip Said tkellem dwar it-tifkira sinifikattiva li saret f'gieh Mikiel Anton Vassalli.

2.3. Sadanittant is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera kollha prezenti b' zewg korsijiet l-"Internet" u l-"Internet u x-Xoghol" li kienu ser isiru bl-ghajnuna tal-Malta Communications Authority u d-diversi partners madwar Malta u Ghawdex fosthom il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug. Kien ghad jonqos biss li jigi deciz il-post fejn ser isiru dawn il-korsijiet. Qabel din id-diskussjoni il-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina qal li ma jhossx li ghandu

jkun prezenti sakemm ma jintghazel il-post fejn ser jsiru dawn il-korsijiet u ghaldaqstant hareg mill-Kamra.

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li dawn il-lezzjonijiet ghandhom isiru gewwa l-Iskola Sekondarja ta' Haz-Zebbug u ghaldaqstant ghandhom isiru l-arrangamenti neccessarji mal-amministrazzjoni tal-iskola. Il-Kunsillier Roderick Aquilina rritorna lura mal-mejda. Ittiehed vot:

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, Philip Said, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Dr. Roderick Aquilina

Il-mozzjoni giet approvata (144).

2.5. Is-Segretarju Ezekuttiv ta aktar nformazzjoni dwar il-kompetizzjoni annwali bi premju ntitotalata A+ Accessibility Award, liema nvestiment jista' jkun ta' mhux anqas mill-ispiza minima ta €3,000. Gie propost mis-Sindku Alfred Grixti li ghandna nippartecipaw f'din il-kompetizzjoni billi fil-Gnien tal-Grazzja jsir WIFI u billi jsir bandli jew accessorji ohra ta' rikrejazzjoni li huma accessibli ghal kulhadd. Huwa gie ssekondat mill-Kunsillier Dr. Roderick Aquilina. Ittiehed vot:

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, Duncan Bartolo, Philip Said, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Dr. Roderick Aquilina

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni giet approvata (145).

## 3. KORRISPONDENZA

Ma kien hemm l-ebda korrispondenza li giet diskussa.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1 Is-Sindku Alfred Grixti qal li mhux kuntent bis-servizz li qed jinghata mill-kuntrattur tal-knis. U ghaldaqstant huwa qal li-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiccekja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar x'inhi l-procedura ghas-

servizz ta’ emergenza f’kaz li jkun hemm id-decizjoni li dan il-kuntrattur jitwaqqaf. Is-Sindku kompla jghid li ghandha ssir lista bil-punti tan-nuqqasijiet kollha li qeghdin isiru minn dan il-kuntrattur halli jibdew jinhargu d-default notices.

4.2. Kunsillier Robert S. Tabone qal li jixtieq jastjeni mill-vot ghall-flus li se jinghataw lil Mario Cachia fuq it-tindif tal-latrina. Ghall-kumplament tal-vot Robert S. Tabone ivvota favur.

Il-Vici-Sindku Thomas Agius qal li jixtieq jastjeni mill-vot ghall-flus li ha jinghataw lil Wilson Mifsud, Mario Cachia u Chris Agius. Ghall-kumplament tal-vot il-Vici-Sindku Thomas Agius ivvota favur.

Is-Sindku Alfred Grixti u l-Kunsilliera Duncan Bartolo, Philip Said, Cain Grech, Catherine Sammut u Dr. Roderick Aquilina kienu kollha favur li l-vot tal-flus jghaddi kif pprezentat. (146)

**5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

Il-Kunsillier Philip Said talab li fejn il-Kappella tad-Duluri jitwahhal bin. Is-Sindku Alfred Grixti qal li dan kien twahhal pero fuq talba ta’ xi resident dan tnehha.

**6. AĠĠORNAMENT**

Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għat- 8 ta’ Mejju 2014 fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8:30 pm.

Alfred Grixti
Sindku

Paula M. Valletta
Segretarju Eżekuttiv